Mozzjoni kif emendata fis-Seduta 422 tas-16 ta’ Diċembru 2025

## 406. MOZZJONI BIEX TEMENDA L-AVVIŻ LEGALI NRU 150 TAL-2025 – REGOLAMENTI TAL-2025 DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-ART AGRIKOLA

“Billi nhar it-28 ta’ Lulju 2025, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola – Avviż Legali 150 tal-2025 (Kap. 639);

Billi dawn ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola ġew ippubblikati wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha kkonċernati u mal-utenti ewlenin, sew jekk huma sidien u sew jekk huma possessuri legali, tal-art agrikola, liema konsultazzjoni wasslet għall-qbil mifrux li l-art agrikola f’pajjiżna tingħata protezzjoni sħiħa;

Madanakollu l-Gvern, kif diġà wera bil-fatti jemmen li dejjem għandhom jiġu salvagwardati l-prattiċi tad-delizzji f’pajjiżna, u filwaqt li dan kien ġja maħsub fir-regolamenti, din il-protezzjoni qiegħda tiġi kristalizzata permezz ta’ emenda għall-artiklu 8 tar-Regolamenti;

Billi l-Gvern jisħaq li huwa jibqa’ dejjem favur il-ħarsien ta’ art agrikola bħala attività ekonomika u soċjali integrali għal pajjiżna;

Billi l-Gvern għaldaqstant jara l-ħtieġa li żewġ artikli, fosthom artiklu 8 u artiklu 9, għandhom jiġu emendati;

Għalhekk il-Gvern qiegħed jieħu dan il-pass favur u b’rispett sħiħ lejn il-Protezzjoni ta’ Art Agrikola;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Gvern tkellem dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola – Avviż Legali 150 tal-2025 – għandhom jiġu emendati, billi:

**1) L-Artiklu 8 tal-Avviż Legali 150 tal-2025, li jaqra:**

"L-użu ta' art agrikola għal attivitajiet mhux agrikoli ma għandux jinterferixxi ma' attivitajiet agrikoli li jistgħu jitwettqu skont ir-regolament 6 jew jikkawżaw xi degradazzjoni ambjentali:

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"L-użu ta' art agrikola għal attivitajiet mhux agrikoli, inkluż il-prattika tad-delizzji, huwa permessibbli sakemm ma' jinterferixxix ma' attivitajiet agrikoli li jistgħu jitwettqu skont ir-regolament 6 jew jikkawżaw xi degradazzjoni ambjentali:

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.".

**2) L-Artiklu 9 tal-Avviż Legali 150 tal-2025 li jaqra:**

"(1) F'każijiet li art agrikola ma tkunx reġistrata taħt xi persuna, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Riżorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandha jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha ssir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-ispejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"(1) F'każijiet li art agrikola li ma tkunx reġistrata taħt xi persuna u ma tkunx mantnuta skont ir-regolament 5, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Riżorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandha jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha ssir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu, u dana sakemm id-detentur tat-titolu validu ma jurix għas-sodisfazzjon tad-Direttur li kien impossibbli għalih jirreġistra l-art u jikkonforma mal-obbligu ta' użu tal-art skont dawn ir-regolamenti, u b'hekk kwalunkwe multa, miżata jew debitu bħal dak ma jibqax dovut anke jekk kien jirriżulta minn reat skont dawn ir-regolamenti.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-ispejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta u dana sakemm id-detentur tat-titolu validu ma jurix għas-sodisfazzjon tad-Direttur li kien impossibbli għalih jirreġistra l-art u jikkonforma mal-obbligu ta' użu tal-art skont dawn ir-regolamenti, u b'hekk kwalunkwe spejjeż ma jibqgħux dovuti anke jekk kien jirriżulta minn reat skont dawn ir-regolamenti.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.''".

.

16.12.2025

Mozzjoni oriġinali kif ippreżentata fl-4 ta' Ottubru 2025

**406. L-Onor. Toni Bezzina, f'isem l-Oppożizzjonl jipproponi:**

Billi nhar it-28 ta' Lulju 2025, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, poġġa fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola - Avviż Legali 150 tal-2025 (Kap. 639).

Billi dawn ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola ġew ippubblikati mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni, mal-partijiet kollha konċernati u mal-utenti ewlenin, sew jekk huma sidien u sew jekk huma possessuri legali, tal-art agrikola iżda b'sempliċi daqqa ta' pinna tal-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali;

Billi l-Oppożizzjoni temmen li dawn ir-regolamenti jmorru kontra l-prinċipju fundamentali tat-tgawdija tal-proprjetà privata, billi jimmina b'mod sinifikanti l-awtonomija tas-sidien fl-użu tal-proprjetà tagħhom u billi fl-istess ħin jikkonferixxi poter diskrezzjonali sproporzjonat lill-awtorità pubblika;

Billi l-prinċipju għat-tgawdija tal-proprjetà privata huwa prinċipju fundamentali u sagrosant sanċit mill-Artikolu 33(a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u konsistentement ma' dan, minn numru ta' liġijiet ta' Malta u għalhekk dawn ir-regolamenti huma ta' natura tali li jdgħajfu tali dritt fundamentali u huwa essenzjalment ta' natura antidemokratika, billi jkissru l-bilanċ mitlub mil-liġi bejn il-Gvern u ċ-ċittadin bilanċ espress mill-istess Kostituzzjoni ta' Malta bħala "… dawk il-limitazzjonijiet ta' dik il-protezzjoni kif jinsabu f'dawk id-dispożizzjonijiet li huma limitazzjonijiet maħsuba biex jiżguraw illi t-tgawdija tal-imsemmija drittijiet u libertajiet minn xi individwu ma tippreġudikax id-drittijiet u libertajiet ta' oħrajn jew l-interess pubbliku;

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll li ngħataw poteri eċċessivi lill-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta biex jakkwistaw, anke f'ċirkostanzi mingħajr ma jkunu jafu s-sidien infushom, il-pussess temporanju ta' art u jqassmuha lil terzi, kontra r-rieda tas-sidien;

Billi l-Oppożizzjoni addizzjonalment ma' dan temmen li għandha tiġi salvagwardata l-prattika ta' delizzji tradizzjonali Maltin f'pajjiżna, u f'dan il-kuntest temmen illi art agrikola użata għal tali użu għandha tiġi eżentata mill-obbligu li tiġi maħruta;

Billi l-Oppożizzjoni temmen ukoll illi permezz ta' dan l-Avviż Legali joħroġ biċ-ċar illi dan il-Gvern qiegħed jimxi b'mod li ma jirrispettax dritt fundamentali sanċit mill-Kostituzzjoni ta' Malta, b'mod essenzjalment arbitrarju u anti-demokratiku u b'mod illi qiegħed jipprova jxekkel il-prattika libera tad-delizzji tradizzjonali Maltin f'pajjiżna;

Billi l-Oppożizzjoni tisħaq li għalkemm hija ċertament favur il-ħarsien ta' art agrikola;

Billi fl-istess ħin l-Oppożizzjoni ssostni d-dispost tal-Kostituzzjoni ta' pajjiżna għal dak li huwa l-mod limitat ta' kif drittijiet fundamentali jiġu trattati fid-dawl tal-interess pubbliku, u konsistentement ma' dan għalhekk hija favur id-drittijiet bażiċi tas-sidien privati ta' art agrikola għat-tgawdija tal-istess u ta' dawk li jixtiequ jipprattikaw delizzji tradizzjonali Maltin f'pajjiżna;

Billi l-Oppożizzjoni għaldaqstant tara l-ħtieġa li diversi artikoli, fosthom Art. 5, Art. 6 u Art. 9, għandhom jiġu emendati;

Għalhekk l-Oppożizzjoni qiegħda tieħu dan il-pass favur u b'rispett sħiħ lejn il-protezzjoni ta' art agrikola;

Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Oppożizzjoni tkellmet dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola - Avviż Legali 150 tal-2025 għandhom jiġu emendati, billi:

1) **L-Artiklu 5 tal-Avviż Legali 150 tal-2025, li jaqra:**

"5. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw li kwalunkwe art agrikola li tifforma parti mill-azjenda agrikola tagħhom tiġi salvagwardata minn kwalunkwe theddid u ħsara li jipperikolaw il-potenzjal naturali tal-produzzjoni ta' tali art agrikola, liema potenzjal għandu jiġi sostnut u mtejjeb matul is-snin. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw *inter alia* li:

(a) ma ssir l-ebda attività li trendi l-ħamrija mhux adattata għall-użu agrikolu, inkluż iżda mhux limitat għal dawn li ġejjin:

(i) it-taħlit tal-ħamrija mal-ġebel jew ma' kwalunkwe materjal ieħor li jwassal, jew li jista' jwassal għad-deterjorament tal-ħamrija;

(ii) il-kisi tal-ħamrija b'xi saff ta' konkos, ġebel, ċangaturi tal-ġebel jew xi materjal ieħor simili;

(iii) l-iddepożitar fuq il-ħamrija, jew jitħallew depożitati fuq il-ħamrija, kwalunkwe oġġett jew oġġetti li jkollhom daqs akbar minn żewġ (2) metri kwadri għal perjodu itwal minn tletin (30) ġurnata;

(iv) l-iddepożitar, jew li titħalla depożitata, kwalunkwe ħamrija b' tali mod li ma tkunx xierqa għall-użu f'attività agrikola; u

(v) il-kostruzzjoni ta' strutturi li mhumiex essenzjali għall-bżonnijiet tal-agrikoltura ħlief jekk tali strutturi huma permessi skont il-politiki tal-ippjanar applikabbli;

(b) ma jintużax makkinarju agrikolu u, jew makkinarju tqil meta l-ħamrija tkun mifqugħa bl-ilma;

(ċ) it-tgħaffiġ bla bżonn tal-ħamrija b'makkinarju tqil jew vetturi jkun ipprojbit;

(d) il-ħaxix maqtugħ u l-fdalijiet tal-ħaxix ma għandhomx jinħarqu fuq il-ħamrija f'żoni akbar minn għaxar (10) metri kwadri għal kull tomna art, ħlief b'ordni ta' awtorità kompetenti.

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"5. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw li kwalunkwe art agrikola li tifforma parti mill-azjenda agrikola tagħhom tiġi salvagwardjata minn kwalunkwe theddid u ħsara li jipperikolaw il-potenzjal naturali tal-produzzjoni ta' tali art agrikola, liema potenzjal għandu jiġi sostnut u mtejjeb matul is-snin. Il-bdiewa jew detenturi ta' titolu validu għandhom jiżguraw *inter alia* li:

(a) ma ssir l-ebda attività li trendi l-ħamrija mhux adattata għall-użu agrikolu, inkluż iżda mhux limitat għal dawn li ġejjin:

(i) it-taħlit tal-ħamrija mal-ġebel jew ma' kwalunkwe materjal ieħor li jwassal, jew li jista' jwassal għad-deterjorament tal-ħamrija;

(ii) il-kisi tal-ħamrija b'xi saff ta' konkos, ġebel, ċangaturi tal-ġebel jew xi materjal ieħor simili;

(iii) l-iddepożitar fuq il-ħamrija, jew jitħallew depożitati fuq il-ħamrija, kwalunkwe oġġett jew oġġetti li jkollhom daqs akbar minn żewġ (2) metri kwadri għal perjodu itwal minn tletin (30) ġurnata;

(iv) l-iddepożitar, jew li titħalla depożitata, kwalunkwe ħamrija b' tali mod li ma tkunx xierqa għall-użu f'attività agrikola; u

(v) il-kostruzzjoni ta' strutturi li mhumiex essenzjali għall-bżonnijiet tal-agrikoltura ħlief jekk tali strutturi huma permessi skont il-politiki tal-ippjanar applikabbli;

(b) ma jintużax makkinarju agrikolu u, jew makkinarju tqil meta l-ħamrija tkun mifqugħa bl-ilma;

(ċ) it-tgħaffiġ bla bżonn tal-ħamrija b'makkinarju tqil jew vetturi jkun ipprojbit;

(d) il-ħaxix maqtugħ u l-fdalijiet tal-ħaxix ma għandhomx jinħarqu fuq il-ħamrija f'żoni akbar minn għaxar (10) metri kwadri għal kull tomna art, ħlief b'ordni ta' awtorità kompetenti:

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi:

Iżda wkoll dawn ir-regolamenti għandhom ikunu rilassati skont in-neċessità għall-prattika ta' delizzji tradizzjonali Maltin.".

2) **Artiklu 6 tal-Avviż Legali 150 tal-2025 li jaqra:**

“6. Il-livell minimu ta’ attività agrikola skont il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea għandu jitwettaq fuq kull art agrikola:

Iżda dak il-livell minimu ta’ attività agrikola għandu dejjem jinkludi li tali art agrikola tinżamm fi stat tajjeb għall-kultivazzjoni, u li l-art agrikola għandha tinħarat almenu darba fis-sena:

Iżda wkoll jekk fl-art agrikola jkun hemm is-siġar, tali siġar għandhom jinżammu f’kundizzjoni agrikola tajba:

Iżda wkoll dan ir-regolament ma għandux japplika jekk art agrikola titħawwel bi speċi selvaġġi ta’ pjanti bħala parti minn miżura agroambjentali ffinanzjata permezz ta’ fondi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea.”,

**għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:**

“6. Il-livell minimu ta’ attività agrikola skont il-Politika Agrikola Komuni tal-Unjoni Ewropea għandu jitwettaq fuq kull art agrikola:

Iżda dak il-livell minimu ta’ attività agrikola għandu dejjem jinkludi li tali art agrikola tinżamm fi stat tajjeb għall-kultivazzjoni, u li l-art agrikola għandha tinħarat almenu darba fis-sena:

Iżda wkoll jekk fl-art agrikola jkun hemm is-siġar, tali siġar għandhom jinżammu f’kundizzjoni agrikola tajba:

Iżda wkoll dan ir-regolament ma għandux japplika jekk art agrikola titħawwel bi speċi selvaġġi ta’ pjanti bħala parti minn miżura agroambjentali ffinanzjata permezz ta’ fondi nazzjonali jew tal-Unjoni Ewropea jew jekk titħalla għall-prattika ta’ delizzji tradizzjonali Maltin.”.

**3) L-Artiklu 9 tal-Avviż Legali 150 tal-2025, li jaqra:**

“9. (1) F’każijiet li art agrikola ma tkunx reġistrata taħt xi persuna, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f’tali art agrikola għandha tiddikjara u

tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Riżorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandu jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha ssir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-ispejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

9. (1) F'każijiet li art agrikola ma tkunx reġistrata taħt xi persuna, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tjddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni dan għandu jitqies bħala reat fil-konfront tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament:

Iżda wkoll kwalunkwe trasferiment ta' tali art agrikola f'każ ta' bejgħ għandha ssir biss effettiva jekk kull debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġi saldat mid-detentur tat-titolu b'eċċezzjoni f'każ ta' mewt ta' dan id-detentur fejn kull debitu pendenti jiġi saldat mill-werrieta qabel it-trasferiment tal-art agrikola għal fuqhom jiġi effettiv.

(2) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu għandu jiġi eżentat mill-ħlas ta' kwalunkwe debitu pendenti riżultat ta' reat fil-konfront ta' dan ir-regolament.".

04.10.2025

Emenda ppreżentata mill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali fis-seduta 419.

**Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, ressaq din l-emenda mmarkata "A":**

**1. Għandhom jitħassru l-kliem kollha mit-tieni paragrafu tal-preambolu li jibda:**

"Billi dawn ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola ġew ippubblikati mingħajr ebda konsultazzjoni mal-Oppożizzjoni ..."
sal-aħħar, u ċjoè sal-kliem

"... huwa għandu jiġi eżentat mill-ħlas ta' kwalunkwe debitu pendenti riżultat ta' reat fil-konfront ta' dan ir-regolament. ",

**u minflokhom jidħol dan il-kliem ġdid li ġej:**

"Billi nhar it-28 ta' Lulju 2025, il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, poġġejt fuq il-Mejda tal-Kamra r-Regolamenti tal-2025 dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola – Avviż Legali 150 tal-2025 (Kap. 639);

Billi dawn ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola ġew ippubblikati wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet kollha kkonċernati u mal-utenti ewlenin, sew jekk huma sidien u sew jekk huma possessuri legali, tal-art agrikola, liema konsultazzjoni wasslet għall-qbil mifrux li l-art agrikola f'pajjiżna tingħata protezzjoni sħiħa;

Madanakollu l-Gvern, kif diġà wera bil-fatti jemmen li dejjem għandhom jiġu salvagwardati l-prattiċi tad-delizzji f'pajjiżna, u filwaqt li dan kien ġja maħsub fir-regolamenti, din il-protezzjoni qiegħda tiġi kristalizzata permezz ta' emenda għall-artiklu 8 tar-Regolamenti;

Billi l-Gvern jisħaq li huwa jibqa' dejjem favur il-ħarsien ta' art agrikola bħala attività ekonomika u soċjali integrali għal pajjiżna;

Billi l-Gvern għaldaqstant jara l-ħtieġa li żewġ artikli, fosthom artiklu 8 u artiklu 9, għandhom jiġu emendati;

Għalhekk il-Gvern qiegħed jieħu dan il-pass favur u b'rispett sħiħ lejn il-Protezzjoni ta' Art Agrikola;
Għal dawn ir-raġunijiet prinċipali u oħrajn li l-Gvern tkellem dwarhom pubblikament, din il-Kamra tirrisolvi li r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Protezzjoni tal-Art Agrikola – Avviż Legali 150 tal-2025 – għandhom jiġu emendati, billi:

**1) L-Artiklu 8 tal-Avviż Legali 150 tal-2025, li jaqra:**

> "L-użu ta' art agrikola għal attivitajiet mhux agrikoli ma għandux jinterferixxi ma' attivitajiet agrikoli li jistgħu jitwettqu skont ir-regolament 6 jew jikkawżaw xi degradazzjoni ambjentali:
>
> Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"L-użu ta' art agrikola għal attivitajiet mhux agrikoli, inkluż il-prattika tad-delizzji, huwa permessibbli sakemm ma' jinterferixxix ma' attivitajiet agrikoli li jistgħu jitwettqu skont ir-regolament 6 jew jikkawżaw xi degradazzjoni ambjentali:

Iżda kull attività mhux agrikola fuq art agrikola għandha tkun konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u kwalunkwe obbligu ieħor skont il-liġi.".

**2) L-Artiklu 9 tal-Avviż Legali 150 tal-2025 li jaqra:**

"(1) F'każijiet li art agrikola ma tkunx reġistrata taħt xi persuna, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Riżorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandha jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha ssir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-ispejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.",

**għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:**

"(1) F'każijiet li art agrikola li ma tkunx reġistrata taħt xi persuna u ma tkunx mantnuta skont ir-regolament 5, id-Direttur għandu jwaħħal avviż fis-sit tal-art agrikola kif ukoll jippubblika avviż tal-Gvern li bih jordna li kwalunkwe persuna li għandha interess f'tali art agrikola għandha tiddikjara u tiddeskrivi dak l-interess lid-Direttur fi żmien tliet (3) xhur mill-imsemmija pubblikazzjoni, u jekk ma ssir l-ebda dikjarazzjoni d-Direttur għandu jitlob lil Riżorsi Agrikoli Malta tirreġistra l-art agrikola f'isimha u bis-saħħa ta' tali reġistrazzjoni Riżorsi Agrikoli Malta għandha takkwista l-pussess effettiv ta' tali art agrikola u għandha jkollha s-setgħa li tallokaha għal attività agrikola:

Iżda jekk jiġi pprovat titolu validu fuq dik l-art agrikola għas-sodisfazzjon tad-Direttur, huwa għandu jikkanċella r-reġistrazzjoni tal-art minn fuq Riżorsi Agrikoli Malta sal-aħħar tas-sena agrikola li fiha jkun ġie stabbilit titolu validu u jirreġistraha favur id-detentur tat-titolu:

Iżda wkoll kwalunkwe reġistrazzjoni skont il-proviso preċedenti għandha ssir biss effettiva jekk kull multa, miżata jew debitu ieħor skont dawn ir-regolamenti jiġu saldati mid-detentur tat-titolu, u dana sakemm id-detentur tat-titolu validu ma jurix għas-sodisfazzjon tad-Direttur li kien impossibbli għalih jirreġistra l-art u jikkonforma mal-obbligu ta' użu tal-art skont dawn ir-regolamenti, u b'hekk kwalunkwe multa, miżata jew debitu bħal dak ma jibqax dovut anke jekk kien jirriżulta minn reat skont dawn ir-regolamenti.

(2) Riżorsi Agrikoli Malta għandha tiġġestixxi l-art agrikola reġistrata favuriha skont is-subregolament (1) bħala *bonus pater familias*:

Iżda jekk tali art agrikola ma tibqax reġistrata fuq Riżorsi Agrikoli Malta sabiex tiġi reġistrata favur detentur ta' titolu validu skont is-subregolament (1), tali detentur tat-titolu għandu jikkompensa lil Riżorsi Agrikoli Malta għall-ispejjeż kollha magħmula għat-teħid tal-art agrikola u l-ġestjoni tal-istess, inklużi iżda mhux limitatament għall-ispejjeż notarili, legali u fiskali, u l-ispejjeż għall-miljoramenti kollha magħmula minn Riżorsi Agrikoli Malta u dana sakemm id-detentur tat-titolu validu ma jurix għas-sodisfazzjon tad-Direttur li kien impossibbli għalih jirreġistra l-art u jikkonforma mal-obbligu ta' użu tal-art skont dawn ir-regolamenti, u b'hekk kwalunkwe spejjeż ma jibqgħux dovuti anke jekk kien jirriżulta minn reat skont dawn ir-regolamenti.

(3) Jekk detentur ta' titolu validu fuq art agrikola jipprova għas-sodisfazzjon tad-Direttur li:

(i) kien impossibbli għalih li jirreġistra l-art agrikola skont dawn ir-regolamenti; u

(ii) jobbliga ruħu li ser ikun qiegħed jaġixxi ta' bidwi jew iqabbad bidwi għal tali art agrikola ladarba tkun reġistrata f'ismu skont dawn ir-regolamenti,

huwa għandu jkollu dritt għall-ħlas ta' kwalunkwe ammont ekwivalenti miġbur minn Riżorsi Agrikoli Malta għal tali art agrikola mingħand terzi, esklużi l-ispejjeż skont is-subregolament (2), u tali ammont ekwivalenti għandu jitħallas lill-bidwi jew lid-detentur ta' titolu validu minn Riżorsi Agrikoli Malta.’”.

**L-Emenda “A” għaddiet fis-seduta 422 tas-16 ta' Diċembru 2025.**

**Il-mozzjoni kif emendata, għaddiet fis-seduta 422 tas-16 ta' Diċembru 2025.**